MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH R. MICALLEF

Seduta tal-31 ta' Mejju, 2005

Citazzjoni Numru. 388/2005

**EMBASSY LTD.**

**vs**

**Maria BORG**

**Il-Qorti:**

Rat l-att taċ-ċitazzjoni mressaq fil-25 ta’ April, 2005 li bih is-soċjeta’ attriċi talbet il-kundanna tal-imħarrka għall-ħlas ta’ Lm8085.34 bħala kera b’lura u penali dwar ħanut mikri lilha fil-kumpless kummerċjali magħruf bħala “Embassy Shopping Arcade”, u kif ukoll biex din il-Qorti taqta’ l-kawża bid-dispensa tas-smiegħ;

Rat id-Dikjarazzjoni w in-nota tax-xhieda tas-soċjeta’ attriċi, flimkien mat-tlett (3) dokumenti mehmużin magħha;

Rat id-dikjarazzjoni magħmula mill-konvenuta waqt is-smigħ tal-lum li biha ammettiet it-talba kif dedotta fiċ-ċitazzjoni;

Billi mill-ammissjoni tal-konvenuta, it-talba dedotta fiċ-ċitazzjoni tirriżulta pruvata.

Fuq ammissjoni tal-konvenuta tiddeċiedi billi **tilqa' t-talbiet tas-soċjeta' attriċi** kif dedotti fiċ-ċitazzjoni bl-ispejjeż kontra l-konvenuta.

**Moqrija**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------